MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 352/2013

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)
vs
Christian Mizzi
iben Alfred, imwieled Pieta' fl-24 ta' Dicembru, 1982,
karta ta' l-identita numru 21083(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant Christian Mizzi, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):
talli fit-12 ta' Marzu, 2006, ghall-habta ta' 00.15 a.m. fi Triq Sant' Antnin, Marsaskala, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 385:
1. b'manjiera traskurata
2. perikoluza
3. bla kont
4. b'giri aktar milli jmissu
5. saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 385 fit-triq jew f'post

pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi
6. talli saq, ipprova jsuq jew kellu il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 385 fit-triq f’post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt
7. talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Janice Zammit u Jonathan Mifsud skont kif iccertifika Dr. Stephen Muscat M.D ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Lulju, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati fit-termini tal-imputazzjoni li fit-12 ta’ Marzu, 2006 saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 385 b’manjiera perikoluza u li b’nuqqas, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Janice Zammit u Jonathan Mifsud. Illiberatu mil-bqija. Wara li rat l-Artikolu 226 u 17(b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu elfejn euro (€2,000) multa u skawlifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta’ tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Christian Mizzi pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Lulju 2013 billi tikkonferma fil-parti li biha r-rikorrenti gie liberat skont il-hames u sitt imputazzjoni u tirrevokaha fil-parti fejn huwa gie misjub hati fit-termini tal-imputazzjoni li fit-12 ta' Marzu 2006 saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBD 385 b'maniera perikoluza u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Janice Zammit u Johnathan Mifsud u li tigi revokata wkoll f’kull parti ohra li biha hu gie misjub hati ta'

xi imputazzjoni u tilliberah minn kwalunkwe piena u imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-
Illi mill-provi ma jirrizultax li r-rikorrenti saq il-vettura b'manjiera perikoluza u li b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u li involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Janice Zammit u Jonathan Mifsud. Ir-rikorrenti ma qabadx u qassam il-karregjata minghajr ma ha il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega. Qabel ma qasam huwa waqaf sabiex jespolora t-triq, imma l-viswali tieghu kienet ristretta u ostakolata mill-crane kbir imdawwar b'hajt tal-concrete li kien jinsab distanza biss ta' 25 pied mill-intersezzjoni tat-triqat . Ghad li ir-rikorrent xehed li huwa kkalkola li l-crane kien biss xi 25 pied mill-kantuniera, ir-ritratti ezebiti juru li l-crane kien propriju fil-kantuniera, minhabba dan il-crane huwa ma kellux viswali tajba u fit-tul tat-traffiku li kien gej min-naha opposta. Inoltre, dik il-parti ta' Triq Sant' Antnin minn fejn kien gej r-rikorrenti u fejn sar l-incident hija ghat-tela. Din it- tela kompliet tirrestringi il-viswali tar-rikorrent. Il-vettura l-ohra misjuqa minn Joseph Scicluna harget ghal fuqu minn wara l-crane bhal vlegga bi speed qawwi hafna . Il- kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra ta' Joseph Scicluna li hareg minn wara l- crane b'velocita eccessiva hafna. Joseph Scicluna ma jistax jigi emnut li kif xehed kien qed isuq b'velocita ta' 45 kilometru fis-siegha. Il-hsarat kbar li sofrew il-vetturi jindikaw li huwa kien qed isuq bi speed qawwi hafna. Mary Scicluna a fol 48 tal-process xehdet li zewgha Joseph Scicluna kien qed isuq fuq in-nahha tieghu tat-triq jigifieri fuq in-naha tax-xellug. Dak li gara kien li Scicluna kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq, sab crane enormi quddiemu li ghalaqlu triqtu u dan flok li naqqas l-ispeed, hareg minn wara il-crane bi speed enormi u kkaguna l-incident. Scicluna meta kien hemm dak il-perikolu kollu fit-triq minhabba l-crane kbir fil-kantuniera, qatt ma messu hareg minn wara l- crane b'dik il-velocita' kbira. Ir-rikorrenti qatt ma seta kien isuq bi speed qawwi, ghaliex il- hanut fejn kien huwa biss ftit metri boghod mill-post tal-incident u di piu' r-rikorrenti

waqaf ftit passi wara li mexa ghaliex xeghlu d-dwal taz-zebra crossing . Kieku Scicluna kien ghaddej bi speed moderat huwa kien ikollu cans iwaqqaf meta jilmah il-vettura tar- rikorrenti, imma tant kien gej b'velocita' li bl-ebda mod ma setgha jieqaf. Bl-ispeed kbir li kien ghaddej Scicluna huwa ma setghax ikollu kontrol shih tal-vettura b'mod li ma setghax jevita l-incident. Kieku Scicluna kien qed isuq bid-debita prudenza u attenzzjoni kien jara il-vettura tar-rikorrent "in good time" u kien jevita l-habta. Scicluna kien ukoll messu saq bi prudenza specjalment ukoll ghaliex fil-hin tal-incident kienet nizla xita qawwija u kien fid-dlam. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed irid joqghod aktar attent u zgur li m'ghandux isuq b'velocita' qawwija.
Ir-rikorrenti jaghmel ukoll referenza ghax-xhieda ta' Janice Zammit li kienet riekba mar- rikorrenti fis-seat ta' wara u li llum qed tharrek liz-zewg drivers involuti fil-Qrati Civili ghad-danni li sofriet waqt l-incident. Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 2007, Janice Zammit fuq domanda tal-Qorti irrispondiet "illi l-imputat qabel ma qasam il-karregjata waqaf." Fl- istess seduta kompliet tixhed illi "l-imputat waqaf ezatt kif konna sejrin induru".
Ghalhekk ix-xhieda tar-rikorrenti li waqaf sabiex jesplora t-triq hija korroborata mix- xhieda ta' Janice Zammit. Wiehed irid izomm ukoll in konsiderazzjoni li Janice Zammit m'ghandhiex xi relazzjoni ta' hbiberija mar-rikorrenti , anzi qieghdha tharku civilment, pero' hija kienet mara u xehdet il-verita'.

Ir-rikorrenti jixtieq jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joanne Persiano" deciza fil-24 ta Marzu 2010 li kopja taghha qed tigi annessa ma dan ir-rikors tal-appell u markat Dok A. Fl'incident imsemmi f'din is-sentenza Joanne Persiano kienet hierga minn Cannon Street, il-Hamrun ghal fuq it-triq principali, St. Joseph High Road. Il-viswali taghha kienet ristretta minhabba karozzi pparakjati mal-kantuniera bejn Cannon Street u St. Joseph High Road. Kif harget wara li kif setghet fic- cirkostanzi tesplora it-triq habat maghha Clint Vella li kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita kbira. Clint Vella tilef hajtu f'dan l-incident. Il-Qorti tal-Magistrati ikkonstatat illi mill-provi ma jirrizultax li Joanne Persiano ma haditx il-prekawzjonijiet kollha

necessarji meta harget minn triq laterali ghal fuq triq principali jew li kienet imprudenti , traskurata jew li ma osservatx ir-regolamenti tat-traffiku. Kien biss il-velocita' eccessiva ta' Clint Vella li waslet ghall-incident fatali. Ghalhekk il-Qorti lliberata minn kull akkuza fil-konfront taghha. Illi fil-kaz ta' Persaino kull ma kien hemm oggetti biex jostakolaw il- viswali taghha kienu karozzi ipparkjati fil-kantuniera. Fil-kaz tar-rikorrenti kien hemm crane kbir li jidher fit-ritratti esebiti imdawwar b'hajt tal-bricks li kien jostakola il-viswali tar-rikorrenti ferm aktar mill-vetturi li kienu jostakolaw il-viswali ta' Persiano. L-ostakolu kien ferm u ferm akbar fil-kaz tar-rikorrenti milli fil-kaz ta' Persaino. Fiz-zewg kazi iz- zewg drivers l-ohra kienu qeghdin isuqu b'velocita' qawwija . Fil-kaz tar-rikorrenti l-hsarata kbar (total loss) li sofrew il-vetturi u l-gravita' tal-griehi sofferti mill-passigieri huma prova tal-velocita' kbira li kien qed isuq Scicluna. Ir-rikorrenti qabel ma saret il-habta kien wieqaf sabiex jesplora it-triq u fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati ma sabitux hati li kien qed isuq bi speed eccessiv.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-1 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija ghandha tigi kkonfermata l-intier taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.  Fi kliem ie]or, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx

ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-aggravju ewlieni tar-rikorrenti hu li hu ma qabatx u qassam il-karreggjata minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha rikjesti. Hu xehed li l-vizwali tieghu kienet ristretta u ostakolata minn crane li kienet qed tostakola l-karreggjata. Fil-fatt dan il-crane kien fiss billi kien qed jintuza biex tigi mibnija jew ristrutturata binja fl-istess triq. Ghandu jinghad li proprju dan il-fatt kellu jkun element iehor ghall-sewwieq li jrid jaqsam il-karreggjata bi traffiku li gej kontra tieghu. Minbarra dan il-fatt, jinputa li billi t-triq kienet ghat-tela dan kien fattur li jirrestringi l-vizwali tieghu.

Illi din il-Qorti marret fuq il-post ta’ l-incident. Naturalment, ma sabitx il-crane izda mir-ritratti ezebiti waslet ghal pozizzjoni ta’ dan il-crane. Fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li d-distanza ta’ hmsa u ghoxrin pied hi daqsxejn konservattiva. Jekk anki nhallu barra dan il-punt, il-vizwali tar-rikorrenti kienet wahda tajba. Hu veru li t-triq hi ghat-tela izda dan ma jikkreja ebda ostaklu ta’ vizwali. L-argument li Joseph Scicluna hareg minn wara l-crane ma

tistax torbot fuqu.  Mill-liwja tat-triq sa meta tasal ghal crane hemm aktar minn mitejn metru u meta is-Sinjura Scicluna xehdet li zewgha Joseph kien qed isuq fuq in-naha tieghu ghandu jigi mifhum li kien fuq in-naha tieghu tat-triq u ma kienx fuq il-kareggjata opposta.  Hekk kif Joseph Scicluna dahal Marsaskala hu kellu distanza twila biex jaqleb il-karreggjata, kieku kien hemm il-htiega.  L-asserzjoni min-naha tar-rikorrenti li Joseph Scicluna kien niezel bi speed eccessiv hi wahda gratwita.  Kif ukoll hu gratwit il-kumment li dak il-hin kienet niezja xita qawwija. L-uniku xhud li jsemmi x-xita hu Joseph Scicluna li jghid li dak in-nhar kien hemm temp ta' irxiex.  Fattur iehor indikattiv tas-sewqan ta' Joseph Scicluna hu li hi joqghod Marsaskala u ghalhekk kien jaf perfettament bil-fatt li kien hemm crane u il-pozizzjoni ta' tali crane.

Illi r-rikorrenti ghamel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Joanne Persiano".  Din il-Qorti fliet l-atti ta' dik il-kawza u ma tahsibx li dak li gara f'dawk ic-cirkostanzi hu ta' konfort ghar-rikorrenti.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif ukoll tal-ewwel Qorti, il-vizwali tar-rikorrenti kienet tajba u ma kellu jaghmel ebda manuvra straordinarja.  Ghandu jigi rilevat li l-incident gara fid-dlam u ir-rikorrenti zgur kellu jara d-dawl tal-karozza gejja mid-direzzjoni opposta u il-kwistjoni tal-crane ma ghandha ebda rilevanza f'dan l-aspett.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tibda tiddekorri min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada, 5 ta' Novembru, 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------